MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 107/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs

Anthony Borg

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Jannar, 2003 ghall-habta tal-10.00 p.m. fi Triq il-Passolina, Attard:

1) halla vetturi nri. DBY 345 u DBY 329 (buses tar-rotta) miftuha w ipparkjati wahidhom bla ma ha l-prekawzjoni xierqa biex ma jigux imcaqalqin sakemm dam nieqes u/jew halla l-imsemmija vetturi wieqfin fl-imsemmija triq jew li jkunu mmaniggjati b'mod li jkunu ta xkiel bla bzonn jew ta' xi nkonvenjent ghal pubbliku;

2) kif ukoll bl-imsemmija vettura DBY 345 ingumbra l-passagg liberu ghal traffiku iehor jew persuni fit-triq;
3) halla li jaqa' jew iqattar zjut, griz jew likwidu iehor mill-makkinarju jew bnadijiet ohra tal-vetturi msemmija DBY 345 u DBY 329;
4) u aktar fi Triq il-Passolina kantuniera ma Triq l-Ghenba, Attard, ipparkja vettura nru. DBY 329 matul 5 metri mill-kantuniera jew liwja;
5) u bhala l-persuna li ftiehem jew acceta li jixtri jew ibiegh il-vettura nru. DBY 329 naqas li jaghti avviz bil-miktub fiz-zmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta dwar il-bidla tas-sid jew twelijja ta' l-imsemmija vettura.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju, 2003, fejn ma nstabx hati u gie lliberat.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi ssib htija fuq l-ewwel, it-tieni, w r-raba' akkuza, tikkonferma l-liberazzjoni fuq it-tielet u l-hames akkuza w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali fil-qosor huwa s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti naqset li taghti kont ghall-provi tal-Prosekuzzjoni ghall-akkuzi wiehed, tnejn u erbgha w ghamlet apprezzament zbaljat tax-xiehda, partikolarment PS 1122.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2003, li bih Dr. Chris Borg ghall-appellat irrileva illi l-artikolu 26 tal-Kap.65, invokat mill-Avukat Generali , m'ghandu x'jaqsam xejn mad-dritt t' appell mill-Prosekuzzjoni izda hu l-artikolu 63 tal-Kap.65 li jaghti dan id-dritt u in vista tal-fatt li l-artikolu gie citat hazin ,eccepixxa n-nullita' tal-appell.

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni tal-istess data li bih irrilevat li l-ligi ma tirrikjedix li jigi ndikat l-artikolu partikolari li jaghti dritt t' appell , izda li jrid jirrizulta huwa li fil-fatt skond il-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta , l-Avukat Generali ghandu dritt

ta' appell fuq apprezzament tal-provi , liema raguni ta' appell giet indikat fl-istess rikors.

Semghet ix-xiehda fil-kors tal-istess udjenza ;

Semghet it-trattazzjoni,

Fliet l-atti kollha processwali;

Ikkonsidrat ;

Illi qabel xejn trid tigi trattata l-eccezzjoni tan-nullita' tal-appell sollevata mid-difiza. Issa l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi x'ghandu jikkontjeni r-rikors tal-appell , sija jekk dan ikun gie ntavolat mill-Avukat Generali u sija jekk ikun gie intavolat mill-persuna misjuba hatja, mkien ma jsemmi li ghandu jigi citat xi artikolu tal-ligi li jaghti dan id-dritt ta' appell la lill-prosekuzzjoni w lanqas lill-hati appellanti . Illi biex ikun hemm nullita' ta' att , dan ikun irid johrog jew espressament mill-ligi jew inkella mill-gurisprudenza kostanti in material li tkun iddikjarat xi nuqqas ta' formalita' specifikata mill-ligi li tirrendi l-att null . Fil-kaz in dizamina la tissussisti l-wahda w l-anqas l-ohra minn dawn l-ipotesijiet . Biex ikun jista' jsir appell mill-Avukat Generali , ma hemmx ghalfejn li dan joqghod jiccita l-artikolu jew subinciz tal-Kodici Kriminali jew ta' xi ligi ohra specjali li jaghtih dan id-dritt . Bizzejjed li oggettivament ikun jirrizulta mill-ligi li tali dritt t'appell jezisti w l-ligi huwa prezunt li jafha kullhadd inkluza u mhux l-inqas l-istess Qorti li trid tapplikaha. Ghalhekk anki jekk l-Avukat Generali ma jsemmi ebda artikolu tal-ligi li fil-kaz partikolari jkun jaghtih id-dritt t' appell , dan ma jeffettwax il-validita' o meno tar-rikors tieghu purche ' li tali dritt effettivament ikun jezisti . Issa ghalkemm hu ferm rakkomandabbli li – jekk ser jigi citat xi artikolu – dan jigi citat korrettement biex hadd ma jigi zvijat bla bzonn , il-fatt li minnhabba xi zball jew "lapsus calami" dan ma jsirx , dan minnu nnifsu ma jirrendix ir-rikors tal-appell null ghax ladarba mhux mehtieg li jigi citat l-artikolu, ikun kontrosens jekk wiehed jghid li hemm nullita' fejn l-artikolu, li jkun gie citat inutilment u b'mod superfluwu , jigi citat hazin .

Illi hu koncess mill-istess difiza li l-artikolu 63 tal-Kap. 65 fil-fatt jikkonferixxi dan id-dritt t'appell u ghalhekk ma hemmx kwistjoni li l-Avukat Generali kellu dritt li jappella f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tan-nullita' sollevata mid-difiza w ser issa tghaddi ghall-mertu tal-appell .

Illi mill-provi mismugha mill-gdid quddiem din il-Qorti u senjatament mid-depozizzjoni ta' P.S. 1122 Anthony Rizzo , jirrizulta abbondantement li fil-21 ta' Jannar, 2003, ghall-habta tal-10 p.m., fil-kantuniera formata minn Triq il-Ghenba u Triq il-Passolina , f'H'Attard, preciz quddiem iz-zewg nahat tal-"corner house" tal-appellat kien hemm ipparkjati tlitt buses tal-linja w cioe' dawk li jgibu n-numru ta' registrazzjoni FBY 708, DBY 345 u DBY 329. Dawn kienu it-tlieta li huma miftuhin u meta s-Surgent qal lill-appellat biex jiehu hsieb li jaghalaqhom , dan kien qallu li ser jiehu hsieb li jaghmel dan. Meta umbaghad qallu ghal xi tbajja taz-zejt li kien hemm fl-art tat-triq taht il-vetturi , l-appellat accetta li kellu jitfa' xi trab . Fil-fatt , meta s-Surgent kien rega ghadda minn hemm aktar tard, ikkonferma li dan it-trab kien intefa'. L-appellat kien ikko-opera maghhom. L-appellat dak il-hin kien accetta li kien responsabbli ghat-tlitt buses u di fatti kien nehhihom minn hemm u poggiehom f'post iehor Is-Surgent xehed li bus numru FBY 708 kienet qed tostakola t-triq go Triq il-Passolina li hi naqra dejqa. Din tiehu traffiku fiz-zewg direzzjonijiet pero' meta tigi pparkjata bus kif kienet ipparkjata l-bus imsemmija, tkun tista' tghaddi vettura minn direzzjoni wahda . Dawn il-buses suppost li jigu ggaragjati bil-lejl u dan kienu fehmuh lill-asppellat imma dan kien qalilhom li kellu xi problema biex idahhalhom fil-garage li kellu mall-istess dar li quddiemha kienu pparkjati dawn il-buses, peress li huma daqxejn twal u t-triq hija daqxejn dejqa w jkollu daqxejn skumdita' biex idahhalhom. It-triq kienet wiesgha bejn 5 metri u 5.5 metri . Mhux veru li jghaddu erba karozzi ma gemb xulxin bil-bus ipparkjata hemm . Bla bus jghaddu . Il-bus ma kienetx il-boghod hames metri mill-kantuniera. Il-bus numru FBY

708 kienet ta’ iben l-appellat u tghajjat lilu. DBY 329 kien ghadu qed isir xi transfer fuqha w kienet ghadha tghajjat lil certu Joseph Attard . L-appellat kellu registrata fuq ismu il-bus numru DBY 345 u dan kollu kien ivverifikah hu personalment mill-computer system li hu linked mal-Licensing Office.

Illi mbaghad mid-depozizzjoni tal-addett tal-Licensing Office,Brian Farrugia rrizulta li r-route bus Bedford numru DBY 329 kienet licenzjata fuq Joseph Attard fil-21 ta’ Jannar, 2003 pero’ dwarha kien hemm pendenti proceduri ghall-transfer mad-Dipartiment li kienu jikkoncernaw diversi akkwirenti w li kien ilhom pendenti mil-31 ta’ Mejju, 2001 u gew konkjuzi bi trasferiment favur Justin Borg, bin l-appellat , fis-16 ta’ Mejju, 2003.

Illi minn dawn il-provi , li prezumibbilment kienu l-istess li semghet l-Ewwel Qorti, jirrizulta b’mod inkontestat li l-appellat li dak in-nhar u dak il-hin, ghalkemm ma kienx is-sid registrat ta’ tnejn minnhom , kellu l-kontroll tal-imsemmija tlitt vetturi ,tant li kien hu li nehhihom minn hemm u tefa’ t-trab biex jghatti iz-zjut fl-art li hallew . Irrizulta ukoll li naqas li jzommhom maghluqin u obbliga ruhu li jirmedja ghal dan . Irrizulta ukoll li hallihom ipparkjati b’mod li f’ kaz ta’ bus wahda kienet johloq ngombu fit-triq u fil-kaz ta’ ohra inqas mid-distanza regolamentari mill-kantuniera. Anki hawn l-appellant accetta r-responsabilta’ u fil-fatt ikko-opera mal-Pulizija biex inehhihom minn hemm .Id-depozzjoni ta’ PS Rizzo mhi skossa b’ebda mod u l-imputazzjonijiet li dwarhom sar appell jirrizultaw b’mod lampanti w minghajr l-icken dubju. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mall-Ewwel Qorti meta ddecidiet li tillibera lill-appellat anki minn dawn l-akkuzi w jidher li – kif issottometta l-appellant Avukat Generali - sar apprezzament skorrett tal-fatti tal-kaz. Ghalhekk l-ilment tal-Avukat Generali jidher altru milli fondat u l-appell konsegwentement qed jigi milqugh.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat mhux hati tat-tielet u l-hames akkuza w lliberatu minnhom u billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellat mhux hati

tal-ewwel, tat-tieni w r-raba’ akkuza w lliberatu minnhom u minnflok issib lill-appellat hati tal-istess tlitt imputazzjonijiet u , wara li rat l-artikoli 32, 55(1) u t-Tieni Skeda tal-Kap.65 u r-regolamenti 68, 74 u 79(a)  tal-Motor Vehicle Regulations, tikkundanna lill-appellat ghall-ammenda ta’ hames liri Maltin (LM5) fuq l-ewwel imputazzjoni , ammenda ta’ hamsa w erbghin lira Maltin (LM45) ghat-tieni imputazzjoni u ammenda ta’ hames liri Maltin (LM5) ghar-raba imputazzjoni , u stante li l-Prosekuzzjoni f’ dan il-kaz ma ghamlitx talba ghas-sospensjoni , a tenur tal-artikolu 55 (2) tal-Kap.65, ma tapplikax sospensjoni jew skwalifika mil-licenzji tas-sewqan u stante ukoll li fuq dawn it-tlitt imputazzjonijiet ma hemmx dwar x’hiex l-appellat ghandu jottempera ruhu mall-ligi, mhux il-kaz li din il-Qorti tilqa’ t-talba tal-prosekuzzjoni kontenuta fic-citazzjoni biex tordna lill-appellat li jesegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti taht penali ta’ ammenda ta’ mhux aktar minn zewg liri Maltin kulljum fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------